MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 250/2007

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Amgad Anwan Aly Elnily I.D. 316095 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Marzu 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija erbgha u tmenin Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm184.77) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);
Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2007, meta gew upprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija erbgha u tmenin Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm184.77), bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------